MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Numru 364/2008

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Kevin Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 284580 (M) akkuzat talli:

1. fit-22 ta' April 2008 ghall-habta ta' xi 23:45hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Quilin Refalo jew igibilha disordni f'mohhha, liema hsara tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti

tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem, jew iggib mankament jew sfreggju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz u dan permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez u dan skond ma iccertifika Dr Malcolm Paul Galea MD (Reg 3074) mill-Isptar Mater Dei, Msida (Art. 64 (2),214, 216(1) (a)(ii)(iii), 216(b), u 217 tal-Kap 9).

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni QUI 242 tal-marka BMW 320D, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) jew € 116.57 (mija u sittax-il Euro u hamsa u sebghin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) jew €1164.69 (elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu) ghad-dannut ta' Leon Manuel Refalo u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9.

F'kaz ta'htija l-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Quilin Refalo u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarja, mhux opposta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-liema ammissjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizjonata. Tirreferi, kif jirreferu l-akkuzi ghall-incident li sehh il-Hamrun, f'Triq San Guzepp, meta l-akkuzat tefa u kisser hgiega tal-vettura tal-parti leza. L-akkuzat dan jammettih ukoll fl-istqarrija li hu rrilaxxja lill-Pulizija u fejn spjega x'wassal ghall-argument.

Inghad dan u fuq l-iskorta tal-ammissjoni u l-istqarrija tieghu l-Qorti qeghdha ssibu hati tal-akkuzi dedotti kontra

tieghu. Rat l-Artikolu 214, 216 (1) (a) (ii) (iii), 216 (b), 217, 325214, 216 (1) (a) (ii) (iii), 216 (b), 217, 325 (b), 17 tal-Kap 9.

Ikkonsidrat ic-cirkostanzi u l-alterwanti generici u tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mil-lum u li jhallas lill-parti leza, Quilin Refalo 938 euro zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu ai termini tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------